KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 57

**It-Tlieta 16 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier (onlajn)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 57.1 Qari tal-Apoloġiji

57.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija u li l-Kunsillier Fenech kien infurmaha li se jasal tard.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 55 u 56

57.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

57.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 55 u 56 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 57.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 Is-Sindku informa li qed ikollu ħafna lmenti dwar l-istorbju li jinstema' minn Numero Uno. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill ma seta' jagħmel xejn dwar dan il-każ minħabba li din hija attività bil-permess.

57.3.2 Is-Sindku informa li kif kien diġà ħabbar fl-aħħar laqgħa, kienet saret il-laqgħa fuq il-post ma' Project Green fejn kienu attendew hu u s-SE u dawn kienu qablu li jirranġawlna l-parti ta ġewwa tal-bosk. Fost oħrajn se jsir passaġġ bil-geocell material, se jitpoġġew Picnic tables tal-injam li qed jinħadmu direttament minnhom, se tiġi estiża s-sistema ta' irrigazzjoni, u sistema ta' cameras ġodda. Ix-xogħol kien se jibda fix-xahar ta' Ġunju sabiex il-ħaxix selvaġġ u l-ħannewija jilħqu jkunu mietu.

57.3.3 Fir-rigward tal-Pjazza, is-Sindku informa li kienet qed issir pressjoni biex jerġgħu jinħarġu l-offerti min-naħa tal-PWD.

57.3.4 Sadanittant kienet ingħatat direzzjoni biex il-PWD jibda x-xogħol ta' manutenzjoni u rikostruzzjoni tal-planters tat-toroq ta' bejn il-barracks.

57.3.5 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-Kappillan u s-Sur Pace Ross mill-Kurja. Dawn kienu għamlu talba lill-HA biex ikun hemm skambju ta' biċċa art. Skont informazzjoni li għaddewlna, il-parkeġġ il-ġdid kien se jesa madwar 70 vettura.

57.3.6 Is-Sindku informa li kienet iddaħħlet it-talba għal DNO tal-Barracks mal-Awtorità tal-Ippjanar.

57.3.7 Huwa informa wkoll li hemm ċans li f'xi ħinijiet ikun hemm xi ħaddiema mir-Reġjun li jiġu jagħmlu xi xogħol mill-uffiċċju tal-Kunsill minħabba nuqqas ta' spazju. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 57.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

57.4.1 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet talba uffiċjali sabiex ikun hemm aktar għajnuna finanzjarja min-naħa tal-Managing Authority fuq il-proġett tal-ERDF li jinkorpora r-restawr tat-torri tal-arloġġ u l-bini taċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni. Huwa qal li skont ma ġie infurmat hemm fondi li l-Kunsill huwa eliġibbli għalihom u għaldaqstant il-Kunsill kien qed jistenna risposta favorevoli sabiex il-proġett ikun jista' jkompli jitwettaq bla komplikazzjonijiet żejda.

57.4.2 Is-SE infurmat li kienet għamlet kuntatt mal-Maniġer tar-Reġjun li kienet responsabbli mill-Kultura u kienu se jieħdu ħsieb li jiltaqgħu fil-ġranet li ġejjin biex hija tgħin fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tat-Torri u ċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni u fl-istess waqt tittella' attività żgħira li tkun tirrifletti dak li normalment wieħed jara fl-attività tal-Kunsill, Military Mtarfa. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

57.4.3 Is-SE infurmat li sadanittant kienet ġiet mitluba ddur il-formola li kienet ġiet mgħoddija dwar il-costings tal-VC u t-Torri tal-Arloġġ ma' rappreżentant tal-MA u jidher li setgħet issir talba għal aktar fondi biex ikopru xiri ta' għamara ġdida, computer u ticketing system u anke l-filmat. Hawnhekk is-Sindku fakkar li l-MTA kienu lesti li jagħmlu l-filmat huma u talabha biex iġġib il-kwotazzjonijiet neċessarji.

57.4.4 Is-SE infurmat li skont l-Inġinier tal-Kunsill, sabiex isir *video wall* minflok l-*overhead projector* u d-*dropdown screen*, hekk kif talab il-Kunsill, il-prezz kien se jiżdied aktar minn dak oriġinali. Il-Kunsill approva u għaldaqstant is-SE se tkun qed tinforma lill-kuntrattur u titlob lill-inġinier biex tgħaddilha talba uffiċjali għall-varjazzjoni.

57.4.5 Hija infurmat ukoll li se jkun hemm ukoll varjanza żgħira minħabba li x-xogħlijiet tal-ġiebja tal-pjazza li kellha ssir mill-Gvern Ċentrali għadu ma bediex ix-xogħol fuqha. Għaldaqstant kienet se ssir kommunikazzjoni f'forma ta' Y li tagħti lejn il-ġiebja ta' Triq il-Ġiżi u lejn il-latrini

57.4.6 u nieħdu ħsieb li niftħu skont l-esiġenza. Il-Kunsill approva din il-varjazzjoni.

## 57.5 Antenna ta' Kommunikazzjoni fil-*Housing Estate*

57.5.1 Is-Sindku semma' li kien irċieva kopja tal-petizzjoni li saret mir-residenti tal-Housing Estate dwar l-antenna l-ġdida.

57.5.2 Hawnhekk huwa qara r-risposta li dawn ir-residenti kienu rċevew mingħand l-MCA. Dawn kienu infurmaw li m'hemm xejn illegali fit-twaħħil tal-antenna. Huwa informa wkoll li kellu l-istess tip ta' risposta mill-PA wara li ddaħħal rapport magħhom.

57.5.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lill-MCA biex jgħaddu kopja tar-*readings* għaż-żona ta' Triq Dar il-Kaptan, Triq Sir Philip Pullicino, Triq Sir Tommy Agius Ferrante u Triq Antonio Ellul.

57.5.4 Sadanittant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lill-Awtorità tal-Ippjanar u niġbdu l-attenzjoni tagħhom li l-Kunsill jemmen li dawn it-tip ta' antenni għandhom jiġu regolati b'permess u li mhux aċċettabbli fejn qegħdin. Hija ġiet mitluba biex din l-ittra tintbagħat mingħand l-avukat tal-Kunsill u jiġi kkupjat il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

## 57.6 Approvazzjoni tar-risposta għall-*Management Letter*

57.6.1 Is-SE preżentat kopja tar-risposta għall-*Management Letter* lill-Awdituri u tat rendikont tal-punti li ssemmew.

57.6.2 Ir-risposta ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 57.7 Punti Oħra

57.7.1 Is-SE infurmat li wara li saret kommunikazzjoni magħha min-naħa tal-Pulizija tal-Komunità kienet għamlet talba lill-*Cleansing* biex isir tindif fil-preżenza tal-pulizija ta' biċċa art pubblika fi Triq il-Maqdes Ruman.

57.7.2 Hawnhekk is-SE qassmet kopja tal-programm ta' attivitajiet għas-sena 2023 għall-anniversarju tat-30 sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali. Hija ġibdet l-attenzjoni li possibbilment il-kunsilliera għandhom jattendu numru minnhom.

57.7.3 Sadanittant infurmat ukoll li qed nintalbu nagħtu data għal Ottubru biex isir tħawwil ta' siġra fil-lokalità. Il-Kunsill issuġġerixxa li titħawwel rummiena jew żebbuġa fi Ġnien is-Sinjura nhar is-Sibt 14 ta' Ottubru.

57.7.4 Is-SE infurmat li kienet ġiet iffissata data ma' IM biex jiġu diskussi t-toroq li qed nippjanaw li jsiru min-naħa tagħhom.

57.7.5 Is-SE infurmat li l-attività li kienet ittellgħet is-sena li għaddiet kienet se terġa' tiġi ripetuta flimkien mad-Depiro Sports Club u l-entitajiet lokali fil-weekend tas-27 ta' Mejju. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex jattendu.

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

57.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 05/2023), kopja tagħha mehmuża.

57.8.2 Il-Kunsillier Dr Attard propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 57.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

57.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgha 14 ta' Ġunju 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv